

# Id-Dekalogu tal-Familja

**1**

Ħarsa ta' mħabba ma tħalliniex nieqfu żżejjed fuq il-limiti tal-ieħor, u hekk nistgħu naċċettawh kif inhu u nixxierku fi proġett komuni, anki jekk aħna differenti. AL 100

Il-familja tagħna hi mibnija fuq l-imħabba ta' Ġesù lejna. Irridu nibnu ħajjitna fuq din l-imħabba kuljum billi nħobbu u nirrispettaw lil xulxin.

**2**

L-imħabba għandha tintwera iżjed fl-għemil milli fil-kliem. AL 94

Fil-familja kull membru jaħdem flimkien fejn jidħlu l-bżonnijiet ta' kuljum, skont l-età u l-ħila ta' dak li jkun. Għalhekk iktar ma nikbru iktar nikkollaboraw fl-affarijiet prattiċi tal-familja.

**3**

Tħallina nduqu l-ferħ f'li nagħtu, kemm hi ħaġa nobbli u kbira li ningħataw għall-oħrajn b'mod kotran, bla ma noqogħdu nkejlu, bla ma nistennew xejn lura, imma sempliċement għall-gost li nagħtu u li naqdu. AL 94

Kull wieħed huwa għas-servizz tal-oħrajn, imma ħadd ma hu seftur ta' ħadd. Dan ifisser li huwa ta' gost li tagħmel xi ħaġa għall-oħrajn bil-ferħ u bil-ġenerożità, imma ħadd m'għandu jitlob għajnuna għax hu għażżien.

**4**

L-omm, li tipproteġi lil binha bil-ħlewwa u l-mogħdrija tagħha. Il-figura tal-missier, min-naħa l-oħra, tgħinu jifhem il-limiti tar-realtà u jorjenta iktar ruħu, biex jista' joħroġ f'dinja usa' u iktar għanja mimlija sfidi, waqt li tistiednu jagħmel l-almu tiegħu u jitqabad. AL 175

Li titgħallem tagħmel l-affarijiet waħdek huwa sinjal ta' indipendenza u maturità. Li tagħmel ħiltek biex tkun indipendenti huwa sinjal li inti qed tikber b'mod tajjeb!

5

Dan ifisser li naċċettaw b'rieda sħiħa l-possibbiltajiet li naffrontaw ċerti ċaħdiet.  AL 210

Li niċċaħdu minn xi ħaġa li nħobbu tgħinna nsaħħu l-karattru tagħna u nitgħallmu nindunaw b'dak li mhux importanti.

6

Insibu l-ħin, ħin ta' kwalità, li jikkonsisti filli nisimgħu bil-paċenzja u bl-attenzjoni, dak kollu li l-ieħor jixtieq jgħid.  AL 137

Hija ħaġa sabiħa li kultant fil-familja nistaqsu lil xulxin: "Kif int?", u li noqogħdu bil-qiegħda nisimgħu lil xulxin.

7

Fil-familja "hemm bżonn nużaw tliet kelmiet. Irrid nirripetih dan. Tliet kelmiet: jekk jogħġbok, grazzi, skużani. AL 133

Kelmiet importanti li rridu ngħidu lil dawk li nħobbu huma: "jekk jogħġbok", "grazzi" u "skużani".

8

Min iħobb, jaf jgħid kliem li jagħmillek kuraġġ, li jfarrġek, li jqawwik, li jikkunslak, li jħeġġek. AL 100

Meta jkun hemm problema, għandna nitkellmu mal-mamà, mal-papà, ma' ħutna jew ma' xi ħadd ieħor tal-familja. Dejjem għandna niffaċċjaw il-problemi mal-oħrajn, qatt waħedna.

9

Li jkollok ħuk jew oħtok li jħobbuk hija esperjenza sabiħa, prezzjuża u unika. AL 195

F'ħutna nsibu l-qawwa. Hija l-iktar mod sabiħ kif aħna nitgħallmu naċċettaw, nirrispettaw u nħobbu lil xulxin fl-affarijiet iż-żgħar ta' kuljum.

10

Il-familja għandha tkun dejjem il-post fejn kull min jagħmel xi ħaġa tajba fil-ħajja, jaf li hemm min se jifraħ flimkien miegħu. AL 110

Meta aħna nkunu bravi, bravi ħafna,  ikun ħaqqna rigal. Kemm hi sabiħa li kultant nagħtu rigal biex ngħidu "grazzi" jew "prosit" jew "nammirak" jew "inħobbok".

Id-Dikasteru għal-Lajċi, Familja u Ħajja nieda inizjattiva ġdida tas-"Sena tal-Familja Amoris Laetitia", dedikata mill-Papa Franġisku lill-familja.

Wara r-Rużarju għall-Koppji Għarajjes, ir-Rużarju għall-Familji, il-kampanja soċjali #WalkingwithFamilies, l-10 vidjos dwar Amoris Laetitia mill-Papa fi djalogu mal-familji minn madwar id-dinja, avvenimenti u pubblikazzjonijiet akkademiċi, issa qed nippubblikaw Dekalogu għat-tfal b'10 pariri biex nikbru flimkien – ġenituri u wlied – fl-ambjent tal-familja, billi nqiegħdu fil-prattika dak li jgħid il-Papa Franġisku fl-Eżortazzjoni Appostolika Amoris laetitia. Għaxar pariri li l-ġenituri u l-edukaturi jistgħu jagħtu liċ-ċkejknin biex jiskopru l-importanza tad-djalogu fil-familja, il-fraternità, il-valur tagħna personali u tal-oħrajn, u l-valur tal-ispirtu ta' servizz.

Din il-kampanja hija importanti, anke fis-sempliċità tagħha, għax trid – skont ix-xewqa tad-Dikasteru – tgħin biex tiffoka l-attenzjoni pastorali fuq il-formazzjoni u l-edukazzjoni taċ-ċkejknin fil-familja, biex tgħin lill-ġenituri ma jaqtgħux qalbhom quddiem tant problemi li issa huma mifruxa fl-età ta' qabel l-adolexxenza, ħafna drabi wkoll ikkawżati min-nuqqas ta' djalogu ma' wliedhom u minn sens profond ta' solitudni fit-tfal, li llum jistgħu jaħbu esperjenzi drammatiċi, bħal pereżempju, cyberbullying.

Il-kampanja soċjali qasira u sempliċi tibda nhar it-Tlieta 16 ta' Novembru u, għal 10 ijiem, se toffri l-10 pariri fuq il-profili ta' Instagram, Facebook u Twitter tad-Dikasteru.

Is-sett kollu ta' karti jista' jinstab fuq il-paġna ddedikata #10fammilytips f'www.amorislaetitia.va.

Il-hashtag magħżul huwa #10familytips, dejjem akkumpanjat minn #AmorisLaetitia u #YearoftheFamily.